**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 136**
**It-Tlieta, 20 ta' Ġunju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**BLUE BADGES FOLOZ**

**9281. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm irriżulta li kien hemm Blue Badges foloz u x'passi ttieħdu kontra min abbuża?

29/05/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jispeċifika għal-liema perjodu qed jirreferi.

Seduta 136
20/06/2023

**SPTAR SIR PAUL BOFFA - CEO**

**9282. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid min hu s-CEO tal-Isptar Sir Paul Boffa?

29/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi dik il-kariga m'għadiex teżisti.

Seduta 136
20/06/2023

**KAŻI TA' SUWIĊIDJI**

**9283. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm suwiċidji fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena?

29/05/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fl-ewwel ħames xhur ta' din is-sena kien hemm 12 il-suwiċidju.

Seduta 136
20/06/2023

**SERVIZZ TAL-BCRS**

**9284. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna użat is-servizz tal-BCRS minn meta bdew sal-lum u kemm ħarġu flus?

29/05/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 136
20/06/2023

**ŻWIĠIJIET BEJN KOPPJI TAL-ISTESS SESS**

**9285. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8583, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żwiġijiet bejn koppji tal-istess sess matul dawn l-aħħar ħames snin?

29/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qiegħda tiġi riprodotta fit-tabella hawn taħt.

| Sena | Żwiġijiet bejn koppji tal-istess sess |
|---|---|
| 2018 | 65 |
| 2019 | 81 |
| 2020 | 41 |
| 2021 | 49 |
| 2022 | 100 |

Seduta 136
20/06/2023

**AĠENZIJA LESA – TAĦRIĠ LILL-ENFORCEMENT OFFICERS**

**9286. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Enforcement Officers tal-LESA jiħdux taħriġ kontinwu? Jekk iva, fiex jikkonsisti, kemm idum dan it-taħriġ u jekk jingħatawx ċertifikat?

29/05/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Aġenzija LESA addottat proċeduri sabiex issaħħaħ it-taħriġ tal-Uffiċjali tal-Komunita'. Kull uffiċjal li jiġi ingaġġat jibda proċess ta taħriġ tiegħu fl-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati, fejn hemmhekk jgħaddi minn taħriġ rigoruż ta' sebgħa ġimgħat, u li jinkludi diversi suġġetti varji.
Wara dan it-taħriġ, kull uffiċjali ikollu perjodu ta taħriġ fuq il-lant tax-xogħol, qabel jibda uffiċjalment l-irwol tiegħu.
Ma tmiem dan it-taħriġ, u matul il-karriera ta uffiċjal tal-komunita', jiġi provdut diversi taħrig ieħor lid-diversi kategoriji skont il-każ u fuq suġġett varji, fosthom dwar liġijiet u aġġornamenti, etika, użu tal-informativa, kontroll ta' nirien, kura primarja, protezzjoni tad-data, u proċeduri tal-Aġenzija. Taħriġ bħal dan jingħata kemm mill-akkademja tal-forzi dixxiplinati, kif ukoll minn entitajiet oħra.
Fl-istess waqt, kull uffiċjal jingħata l-opportunita' u jiġi imħeġġeg jattendi ukoll diversi korsijiet offruta mill-Istitut tas-Servizz Pubbliku.

Seduta 136
20/06/2023

**FOUNDATION FOR MALTESE NATIONAL FESTIVITIES - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9521. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Foundation for Maltese National Festivities u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**HERITAGE MALTA BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9522. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Heritage Malta Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**INTANGIBLE CULTURAL HERITAGE BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9523. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Intangible Cultural Heritage Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**KOTTONERA FOUNDATION BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9524. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Kottonera Foundation Board u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**KUMITAT KONSULTATTIV – FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9525. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Kumitat Konsultattiv – Festival Kanzunetta Maltija u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**KUMITAT ORGANIZZATTIV – FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**9526. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-kompetenzi relevanti tal-individwi li d-dettalji tagħhom qed jintbagħtu separatament li jiġġustifikaw in-nominazzjoni tagħhom biex jiffurmaw parti mill-Kumitat Organizzattiv – Festival Kanzunetta Maltija u jgħid ukoll jekk humiex qed jattendu fil-kapaċità personali tagħhom jew *ex officio* u x'inhi r-remunerazzjoni mogħtija lil kull individwu?

05/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 4898.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9577. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninformah ma hemm ebda persuna li qed tirċievi l-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9578. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninfurmah li ma hemm l-ebda persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9579. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninformah li hemm 2 persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9580. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninformah li m'hemmx persuni li huma intitolati għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom, għax huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9581. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fil-Ministeru mmexxi minnha, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninformah li mhemm l-ebda ħaddiem li hu intitolat għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tiegħu, għax hu parti jew jaħdem mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - PERSUNI LI GĦANDHOM DISTURBANCE ALLOWANCE**

**9582. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu, kemm hemm persuni li bħalissa għandhom disturbance allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad, kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

05/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 9573, ninformah li m'hemm ebda persuna li hi ntitolata għall-benefiċċju msemmi, bħala parti mill-kuntratt tagħhom li huma parti jew jaħdmu mas-Segretarjat.

Seduta 136
20/06/2023

**ŻVILUPP TA' PROĠETT TA' LUKANDA**

**9638. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għas-sentenza tal-qorti li ngħatat dan l-aħħar favur l-iżvilupp tal-proġett tal-lukanda li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jagħti update fuq il-proġett tal-mina li kienet proposta fid-dawl anke ta' xi rapport fil-media li din mhijiex se ssir? Jista' jgħid x'inhuma l-pjanijiet? F'dawn il-pjanijiet, Infrastructure Malta ma' min qed tikkordina dan l-istudju?

05/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta ser tkun qed tagħmel interventi ġewwa Triq Sant' Andrija biex titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku fl-istess triq. Dawn l-interventi ser ikunu primarjament fil-junction biswit Luxol Grounds, fil-junction ta' Pembroke u fil-junction ta' Paceville biex dawn l-istess junctions ikunu jistgħu jilqgħu aħjar it-traffiku speċjalment fil-peak hours. Fir-rigward ta' dawn l-interventi, Infrastructure Malta għaddejja b'laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' Pembroke u tas-Swieqi u l-istudji huma koordinati ma' Transport Malta u mal-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI GĦAL STABBILIMENTI TA' IKEL U XORB F'ŻONI PREDOMINENTMENT RESIDENZJALI**

**9664. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu permessi għal stabbilimenti ta' ikel u xorb f'żoni predominentement residenzjali mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA f'Malta u Għawdex, sena b'sena u lokalità b'lokalità separatament mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'inhu n-numru ta' referenza tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA ta' dawn l-istess applikazzjonijiet? F'kull każ, f'liema stadju jinsabu dawn l-applikazzjonijiet quddiem l-Awtorità? Kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati u kemm minnhom ġew rifjutati? Min ġietu rifjutata l-applikazzjoni, appella mid-deċiżjoni mat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT)? X'kien l-eżitu tal-appell mal-EPRT?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra tabella li turi kemm ġew approvati applikazzjonijiet mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA jew it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lokalità b'lokalità u sena b'sena, għal-stabbilimenti ta' ikel u xorb mill-bidu tal-2013 sal-aħħar ta' Ottubru 2022. Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li 1977 applikazzjoni ġew approvati mill-Awtorità fl-ewwel stadju filwaqt li 45 applikazzjoni ġew rifjutati fl-istess stadju. Dwar dawn ta' l-aħħar, saru 46 Appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar 43 il-applikazzjoni. Minn dawn l-appelli 42 ntlaqgħu u 4 ġew irtirati.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - ENVIRONMENT INITIATIVE PARTNERSHIP PROGRAMME – FONDI DISPONIBBLI**

**9665. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi disponibbli permezz tal-Environment Initiative Partnership Programme (EIPP) tal-Awtorità tal-Ippjanar? Jista' jgħid kif intużaw dawn il-fondi, sena b'sena, mill-2016 sakemm tiġi mwieġba din l-mistoqsija parlamentari?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant jindirizza din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – TRAFFIC IMPACT ASSESSMENTS**

**9666. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għal liema tipi ta' applikazzjonijiet l-Awtorità tal-Ippjanar titlob li jsir 'traffic impact assesment' jew 'traffic impact statement'? Kemm-il talba għal 'traffic impact assessment/traffic impact statement' saret fuq talba mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, qed inpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopja taċ-ċirkulari għall-periti li tispjega il-kriterji stabbiliti għal liema tipi ta' applikazzjonijiet l-Awtorità ta' l-Ippjanar titlob li jsir 'Traffic Impact Assessment'.
Skond id-data base tal-Awtorità ta' l-Ippjanar, l-istess Awtorità għamlet 153 talba għal dan l-istudju mis-sena 2013 sakemm ġiet imwieġba din il-mistoqsija.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - SOCIAL IMPACT ASSESSMENT**

**9667. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għal liema tipi ta' applikazzjonijiet l-Awtorità tal-Ippjanar titlob li jsir 'social impact assessment'? Kemm-il social impact assessment sar fuq talba mill-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA mill-2013 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – DEVELOPMENT PERMIT FEES**

**9668. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn 'Development Permit Fees' sena b'sena mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, d-dħul tal-Awtorita tal-Ippjanar/MEPA minn 'Development Permit Fees' mill-2013 sa Marzu 2023 huwa kif indikat fit-tabella t'hawn taħt.

| Sena | Valur € |
|---|---|
| 2013 | 6,475,475 |
| 2014 | 5,702,847 |
| 2015 | 6,612,367 |
| 2016 | 10,607,303 |
| 2017 | 12,609,160 |
| 2018 | 17,780,677 |
| 2019 | 15,063,993 |
| 2020 | 10,364,444 |
| 2021 | 10,553,524 |
| 2022 | 10,527,072 |
| 2023 (sa Marzu) | 2,641,936 |

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – INFRASTRUCTURE SERVICES CONTRIBUTION ADMINISTRATIVE CHARGES**

**9669. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul tal-Awtorità tal-Ippjanar/MEPA minn 'Infrastructure Services Contribution Administrative Charges' sena b'sena mill-2013 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Peress li dawn il-'fees' jiġu mħallsa meta persuna tapplika għal permess biex jingħata t-tarmak fit-triq u jiġu pprovduti bis-servizzi tal-ilma u d-drenaġġ quddiem is-sit fejn ikun propost l-iżvilupp, jista' l-Ministru jgħid xi jsir minn dawn il-flus miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar u jekk dawn fil-fatt imorrux għall-iskop li jkunu miġbura peress li hawn min ilu s-snin li ħallas dawn il-'fees' però għadu bla tarmak quddiem il-proprjetà li jkun bena?

05/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 136
20/06/2023

**NAXXAR – DISABILITY HUB U DISTRIBUTION CENTRE – PJANTI**

**9732. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'se jsir fis-sit ta' fejn kellu jsir id-disability hub fin-Naxxar? Issa li fiż-żona se jsir ukoll distribution centre tal-Enemalta, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti l-ġodda li juru ż-żona kollha, inkluż dak li kien id-disability hub u d-distribution centre tal-Enemalta?

06/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-kunċett tal-proġett qed jiġi rivedut biex jirrispetta l-prinċipji tal-konvenzjoni għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilita'. Minħabba l-bżonn li ssir din id-distribution centre u n-neċessità li jinbidel il-kunċett tal-proġett, il-pjanti tal-proġett Reach ser Ikollhom jinbidlu.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9743. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 21710, tlabt biex tinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9744. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 5765, tlabt biex jinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9745. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet Parlamentari 6203 u 6222, ninformah li attwalment qed jiġu mikrija 30 vettura mill-entitajiet fi ħdan il-Ministeru:

| **Supplier** | € |
|---|---|
| 2000 Ltd | 3,577 |
| | 8,399 |
| | 3,577 |
| | 3,577 |
| | 4,532 |
| | 3,577 |
| Aquarius Rent a Car | 4,380 |
| | 4,380 |
| Blue Bird | 3,285 |
| | 3,650 |
| | 3,285 |
| Burmarrad Commercials | 7,201 |
| | 4,490 |
| | 4,625 |
| | 4,800 |
| | 4,800 |
| | 8,400 |
| | 11,904 |
| | 14,600 |
| | 9,034 |
| | 12,220 |
| EV Green Power Ltd. | 16,425 |
| Garden of Eden | 3,650 |
| | 5,475 |
| Jason's Cab Service | 3,380 |
| Meli Car Rental | 4,004 |
| | 5,460 |
| Sterling | 4,490 |
| | 5,475 |
| Zarb Coaches | 10,826 |

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9746. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 6226, tlabt biex jinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9747. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 6221, tlabt biex tinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – KAROZZI LEASED/MIKRIJA**

**9748. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm vetturi ġew leased/mikrija mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Meta ġew leased/mikrija, mingħand min, kemm jiswew kull sena u min jużahom?

06/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba numru 6227, tlabt biex jinġabar il-kumplament tal-informazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**GĦAWDEX – ANNIMALI LI TTIEĦDU MINGĦAND SIDHOM MILL-ANIMAL WELFARE**

**9760. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' klieb, qtates u annimali oħrajn (f'dak il-każ jispeċifika x'annimali kienu) li ttieħdu mingħand sidhom ġewwa Għawdex mill-Animal Welfare minn Jannar 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm minn dawn l-annimali ngħataw lura lil sidhom u x'kienet ir-raġuni li ngħataw lura?

06/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li xogħol l-Animal Welfare Gozo hu li tiġbor qtates u klieb fit-triq li huma mweġġa jew morda, u tagħti kura lil dawn l-annimali. Ma huwiex fir-responsabiltà ta' Animal Welfare Gozo li tieħu klieb, qtates u annimali oħra mingħand sidhom ġewwa Għawdex.

Seduta 136
20/06/2023

**SPTAR SIR ANTHONY MAMO – PAZJENTI DJANJOSTIKATI B'KANĊER TAL-PULMUN**

**9761. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il pazjent fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo ġie djanjostikat b'kanċer fil-pulmun mill-2017 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? X'età kellhom dawn il-pazjenti u f'liema reġjun jgħixu?

06/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu tinsab fit-tabelli hawn taħt mehmuża.

| Sena | Nisa | Rġiel |
|---|---|---|
| 2017 | 67 | 159 |
| 2018 | 55 | 163 |
| 2019 | 83 | 138 |
| 2020 | 34 | 115 |

| Faxxa t'Eta` | Nisa | Rġiel |
|---|---|---|
| <45 | 6 | 8 |
| 45-49 | 8 | 2 |
| 50-54 | 9 | 18 |
| 55-59 | 16 | 33 |
| 60-64 | 39 | 57 |
| 65-69 | 42 | 105 |
| 70-74 | 50 | 133 |
| 75-79 | 28 | 105 |
| 80-84 | 21 | 68 |
| 85+ | 20 | 46 |

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ LI TINFORZA L-ATT DWAR IL-CONDOMINIA**

**9762. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-Att dwar il-Condominia, fejn l-inkwilini huma obbligati bil-liġi li jkunu membri f'kondominju, jista' l-Prim Ministru jgħid liema hija l-awtorità li tara li din il-liġi qed tiġi osservata?

06/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor.Interpellant li l-awtorita responsabli mill-Att dwar il-Condominia hija l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet fi ħdan il- Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet.

Seduta 136
20/06/2023

**TAS SLIEMA, SAN ĠILJAN, MELLIEĦA, SAN PAWL IL-BAĦAR, IL-BELT U L-GŻIRA – TURISTI**

**9763. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu dawk it-turisti li matul il-btala tagħhom fl-2022 qagħdu f'lukandi/hostels/airbnb li jinsabu f'Tas Sliema, f'San Ġiljan, fil-Mellieħa, f'San Pawl il-Baħar, fil-Belt u fil-Gżira b'mod seperat?

06/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ma jippublikax statistika ta' kemm joqogħdu turisti f'lokalitajiet differenti. L-unika distinzjoni li ssir hija fil-każ ta' akkommodazzjoni kollettiva li hija mqassma fi statistiika separata għall-gżira ta' Malta u l-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna.

Seduta 136
20/06/2023

**APPELL B'RABTA MA' ENFORCEMENT NOTICE**

**9764. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9346 dwar enforcement notice, fejn intqal li m'hemmx infurzar għaliex hemm l-appell PAB35/16, jista' l-Ministru jgħid x'qiegħed iżomm lill-Awtorità tal-Ippjanar milli tmexxi dan l-appell meta dan kien sottomess fl-2016? Jista' jgħid meta hija s-seduta li jmiss?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, t-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT) huwa tribunal indipendenti, imwaqqaf bil-liġi u għalhekk huwa meqjus distint mill-ħidma tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Seduta 136
20/06/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – ENFORCEMENT UNIT/DEPARTMENT**

**9765. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9347, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx enforcement unit/department fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar li jinforza fejn hemm ħruġ ta' enforcements notices? Min huma l-membri ta' dan il-unit/department u minn min jitmexxa?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, nikkonferma li l-Awtorita' tal-Ippjanar għandha taqsima tal-infurzar. Id-Direttur ta' din it-qasima huwa il-Perit Raphael Axiak li jmexxi 55 ħaddiem.

Seduta 136
20/06/2023

**VGH – KUNTRATT**

**9768. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-kuntratt tal-Vitals Global HealthCare (VGH) imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa fid-9 ta' Ottubru 2016, u minħabba li ħafna mill-informazzjoni tal-kuntratt kienet moħbija u ħafna paġni kienu vojta, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk kienx jaf x'fih il-kuntratt? Jekk iva, meta sar jaf u se jġorr ir-responsabbiltà tal-kontenut ta' dan id-dokument? Jekk le, hu se jkun qed iġorr ir-responsabbiltà ta' dokument li qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra bla ma kien jaf x'fih?

06/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-Kuntratti tal-*Vitals Global HealthCare* (VGH) ingħataw b' mod komplut, flimkien ma' dokumenti oħra marbuta mal-istess proġett, lill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali, li fil-konklużjonijiet pubbliċi tiegħu jinnota "it-twarrib tal-Ministru tas-Saħħa minn kull involviment sinifikanti fuq l-andament ta' din il-konċessjoni relatata direttament mas-saħħa pubblika".

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊ1I U L-IPPJANAR – DONAZZJONIJIET LIL FONDAZZJONI**

**9783. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9205 u jgħid, sena b'sena, mis-sena 2014 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm kien il-valur finanzjarju ta' donazzjonijiet li l-Ministeru u/jew l-entitajiet (fosthom awtoritajiet) li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, taw lill-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jispeċifika meta donazzjoni kienet waħda finanzjarja u meta kienet għoti ta' servizz b'xejn jew makkinarju eċċ. u l-valur ta' tali għotja?

06/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għaddiet ċekk b'valur ta' mitejn ewro f'Ottubru tal-2019 lill-Fondazzjoni Marigold, li minnhom €85 inġabbru direttament mill-ħaddiema tagħha, filwaqt li €115 inħarġu mill-fondi tal-OHSA.
Ma kien hemm ebda' donazzjoni oħra mill-OHSA lill-istess Fondazzjoni matul il-perjodu msemmi fil-mistoqsija parlamentari.

Seduta 136
20/06/2023

**SPTAR MATER DEI – GĦELUQ TAL-PSYCHIATRIC WARD**

**9789. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ngħalqet il-Psychiatric Ward fl-Isptar Mater Dei? Kemm ilha magħluqa? Meta se terġa' tinfetaħ? Jista' jgħid ukoll il-pazjenti li għandhom bżonn servizz li kien qed jingħata fil-Psychiatric Ward fl-Isptar Mater Dei, issa fejn qed imorru biex jieħdu l-kura meħtieġa?

08/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi pazjenti li jkollhom bzonn kura psikjatrika, apparti s-servizzi li jingħataw mill-isptar Monte Carmeli jistgħu jirċievu servizzi minn :

● **Community Mental Health**
Multidisciplinary services to deliver care, treatment, and therapy within the home environment.
6 community mental health clinics (Qormi, Floriana, Paola, Cospicua, Mtarfa, Qawra)

● **Community Rehabilitation Centres**
5 CMHRCs (Cospicua, Floriana, Paola, Qormi, Zejtun)
● Hostels and Community Homes
Projects in collaboration with Richmond Foundation, and Fondazzjoni Suret il-Bniedem. These homes encourage independent living within the community.

● **Outreach teams**
Consists of nurses and care workers, in collaboration with social workers, occupational therapists, community agencies, psychologists and psychiatrists.

● **Crisis Resolution Home Treatment (CRHT)**
A specialist mental health team.

● Emergency Psychiatric Service

National Helpline 1579 operates 24/7 and provides free emotional support, advice, and practical guidance to those in need.

Established and professional units operating within educational facilities such as the University of Malta and MCAST provide professional support to enhance the wellness of UM staff and students.

For emergency cases, an emergency psychiatric Service operates at the Emergency Department at Mater Dei Hospital on a 24/7 basis, and the Crisis Resolution Home Treatment team provides timely psychiatric care, collaborates with caregivers, and offers follow-up Services in the community.

**Speciality Services**

● University Mental health services
● Addiction Service
● Eating Disorders Service
● Electro-convulsive Therapy
● Geriatric Mental Health Services
● Neuropsychiatry Services
● Perinatal Mental Health Services
● Psychiatry Liaison Service
● Transcranial Magnetic Stimulation (TMS) Service

Seduta 136
20/06/2023

**KAŻIJIET TA' MARD SESSWALI**

**9790. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, sena b'sena mill-2012 sal-2022, kemm kien hemm każijiet ta' dan il-mard trażmess sesswalment f'pajjiżna:
a.Chlamydia;
b.Gonorrhea;
ċ.Syphilis;
d.HPV;
e.Hepatitis;
f.HIV/Aids;
g.Monkeypox;
h.Public Lice;
i.Scabies; u
j.Genital Herpes?

08/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-informazzjoni għada qed tingħabar.

Seduta 136
20/06/2023

**ATT BIEX JIRREGOLA ORGANIZZAZZJONIJIET TA' INTRAPRIŻA SOĊJALI U L-AMMINISTRAZZJONI TAGĦHOM – TWETTIQ**

**9791. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid minn mindu għadda l-Att tal-2022 imsejjaħ "ATT biex jirregola organizzazzjonijiet ta' intrapriża soċjali u l-amministrazzjoni tagħhom" fi Frar tal-2022:
a. xi twettaq minn dak li hemm miktub f'din il-liġi;
b.meta twaqqaf ir-Regolatur ta' Organizzazzjonijiet ta' Intrapriża Soċjali; u
ċ.kemm ġew irreġistrati intrapriżi soċjali?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat

Seduta 136
20/06/2023

**AVVIŻ NRU. 752 LI DEHER FIL-GAZZETTA TAL-GVERN**

**9899. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-avviż numru 752 li deher fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Ġunju 2023, jista' l-Prim Ministru jgħid min hu responsabbli għal ħatriet li saru skont dan l-avviż u a bażi ta' liema liġi jew awtorizzazzjoni saru dawn il-ħatriet, peress li skont l-imsemmi avviż la jirriżulta min hu responsabbli għal ħatriet u lanqas a tenur ta' liema poter saru l-istess ħatriet?

08/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 136
20/06/2023

**PRIM'AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) - KAWŻI PENDENTI KONTRA L-ENTITAJIET REGOLATORJI TAL-MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA**

**9900. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx kawżi pendenti kontra l-entitajiet regolatorji li jaqgħu taħt id-dekastru tiegħu quddiem il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) li jitrattaw kontestazzjoni dwar l-allegat non-konformità mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni? Jekk hemm, jista' jgħid liema huma u f'liema stadju tal-proċeduri waslu quddiem il-Qorti?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tingħabar

Seduta 136
20/06/2023

**PRIM’AWLA (SEDE KOSTITUZZJONALI) – KAWŻI PENDENTI KONTRA L-MFSA**

**9901. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx kawżi pendenti kontra l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) quddiem il-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) li jitrattaw kontestazzjoni dwar l-allegat non-konformità mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-European Convention of Human Rights and Fundamental Freedom? Jekk hemm, jista’ jgħid liema huma u f’liema stadju tal-proċeduri waslu quddiem il-Qorti?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi Il-kawżi li hemm pendenti kontra l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (“MFSA”), u li qegħdin jinstemgħu quddiem il-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali) jammontaw għall-erbgħa. Dawn il-kawżi huma:

| L-okkju tal-kawża | Stadju tal-proċeduri |
|---|---|
| Phoenix Payments Limited vs L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta et (272/2021) | Provi tas-soċjetà rikorrenti. |
| Clayton Formosa vs L-Avukat tal-Istat et (23/2023) | Provi tal-intimati. |
| Iosif Galea vs L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta et (49/2022) | Sentenza fuq eċċezzjoni preliminari mqajma mill-intimati. |
| Carmel Cortis et vs L-Onor. Prim Ministru et (21/2019) | Għas-sentenza. |

Seduta 136
20/06/2023

**QRATI – SENTENZI LI FIHOM INGĦATAT IL-PIENA TA’ COMMUNITY SERVICE ORDER**

**9925. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm sentenzi li fihom ingħatat il-piena ta’ Community Service Order u jista’ jindika s-sigħat komplessivi u l-organizzazzjonijiet li ġew servuti fl-aħħar ħames snin, possibbilment sena b’sena?

08/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni mitluba hekk kif miġbura sa April 2023. Rigward liema kienu l-organizzazzjonijiet nitlob lill-Onor Interpellant jirreferi il-mistoqsija tiegħu lil Ministru kkonċernat.

| **Sena** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | **2023 Sa April** |
|---|---|---|---|---|---|
| **Numru ta’ Ordnijiet** | 36 | 5 | 11 | 16 | 6 |
| **Total ta’ Siegħat** | 7055 | 780 | 2090 | 3240 | 1560 |

Seduta 136
20/06/2023

**ŻEJTUN – SKEJJEL PRIMARJI - STUDENTI LI KELLHOM BŻONN L-GĦAJNUNA TA’ LSA**

**9926. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li kienu qed jattendu l-iskejjel primarji taż-Żejtun fis-sena akkademika li għaddiet li kellhom bżonn l-għajnuna ta’ Learning Support Assistant (LSA) kif approvati mid-dipartiment? Kemm kien hemm effettivament LSAs u kemm kien hemm studenti mhux provduti b’LSA?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel imsemmija, 85 student kellhom il-ħtieġa ta' sapport, fejn kollha ġew provduti bis-sapport permezz ta' 70 LSE.

Seduta 136
20/06/2023

**CCF - PRIĠUNIERI**

**9927. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni, maqsumin nisa u rġiel, fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sal-aħħar ta' Mejju 2023? Kemm minnhom kienu qed jiskontaw sentenza u kemm minnhom kienu qed jistennew proċess?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illifil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sal-aħħar ta' Mejju 2023 kien hemm 572 raġel u 57 mara li minnhom kien hemm 261 b'arrest u 368 b'sentenza.

Seduta 136
20/06/2023

**WIED IL-GĦAJN – SKEJJEL PRIMARJI - STUDENTI LI KELLHOM B¿ONN L-GĦAJNUNA TA' LSA**

**9928. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li kienu qed jattendu l-iskejjel primarji ta' Wied il-Għajn fis-sena akkademika li għaddiet li kellhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant (LSA) kif approvati mid-dipartiment? Kemm kien hemm effettivament LSAs u kemm kien hemm studenti mhux provduti b'LSA?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel imsemmija, 69 student kellhom il-ħtieġa ta' sapport, fejn kollha ġew provduti bis-sapport permezz ta' 60 LSE.

Seduta 136
20/06/2023

**BORD GĦAT-TNAQQIS TAS-SENTENZI TAĦT L-ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI KAP. 516 - KAŻIJIET**

**9929. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il każ ġie kkonsidrat u trattat mill-Bord għat-Tnaqqis tas-Sentenzi taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi Kap. 516 matul dawn l-aħħar ħames snin u x'kien l-eżitu tagħhom, possibbilment sena b'sena?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-informazzjoni mitluba qeda titpoġġa fit-tabella riprodotta hawn taħt.

| Year | Total cases | Restored Remission | Forfeited Remission |
|---|---|---|---|
| 2019 | 199 | 58 | 92 |
| 2020 | 170 | 32 | 22 |
| 2021 | 179 | 25 | 11 |
| 2022 | 94 | 32 | 9 |

Seduta 136

20/06/2023
**MARSAXLOKK – SKOLA PRIMARJA - STUDENTI LI KELLHOM B¿ONN L-GĦAJNUNA TA' LSA**

**9930. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm tfal li kienu qed jattendu l-iskola primarja ta' Marsaxlokk fis-sena akkademika li għaddiet li kellhom bżonn l-għajnuna ta' Learning Support Assistant (LSA) kif approvati mid-dipartiment? Kemm kien hemm effettivament LSAs u kemm kien hemm studenti mhux provduti b'LSA?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskola msemmija, 21 student kellhom il-ħtieġa ta' sapport, fejn kollha ġew provduti bis-sapport permezz ta' 16 LSE.

Seduta 136
20/06/2023

**SENTENZI TAL-QORTI KONTRA PENALI MAĦRUĠA MILL-FIAU**

**9950. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9221 u tenut kont ukoll tal-fatt li fl-intervall fil-5 ta' Ġunju 2023 ġiet mogħtija sentenza oħra tal-Prim Awla (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Lombard Bank plc v Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) et fl-istess vena tas-sentenzi diġà ċitati fl-imsemmija mistoqsija, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx bżonn urġenti li jiġu riveduti l-liġijiet li jirregolaw l-ħidma u poteri tal-FIAU biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-FIAU tkompli timponi penalitajiet sostanzjali li probabbilment se jiġu lkoll kontestati b'suċċess quddiem il-Qrati bir-riżultat li effettivament il-FIAU tispiċċa f'qagħda li ma tistax tiżgura li jiġu mposti penalitjiet qabel ma jiġu emendati l-liġijiet applikabbli biex dawn ikunu konformi mal-interpretazzjoni tal-qrati mogħtija fil-konfront tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif diġa weġibt għall-mistoqsija parlamentari 9221, jien infurmat li fir-rigward tas-sentenzi tal-Prim Awla (sede Kostituzzjonali), li għalihom qed issir riferenza fil-mistoqsija, diġa ddaħħal, u fejn t-terminu tal-appell għadu ma skadiex, se jiddaħħal appell kemm mill-Avukat tal-Istat u kif ukoll mill-FIAU.
Nirrepeti li kull deċizjoni li tittieħed, tkun dejjem fl-aħjar interess tal-Pajjiz wara li nieħdu konjizzjoni tas-sentenzi finali tal-Qorti Kostituzzjonali.

Seduta 136
20/06/2023

**BORD KONSULTATTIV DWAR IL-BOLLI - MEMBRI**

**9966. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord Konsultattiv dwar il-Bolli (Stamp Advisory Board), meta ġew maħtura, kemm hu t-terminu tal-ħatra ta' kull membru u abbażi ta' liema kriterji ġew maħtura l-membri ta' dan il-Bord?

09/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Bord Konsultattiv dwar il-Bolli (Stamp Advisory Board) huwa kompost hakk indikat fit-tabella hawn taħt:-

| Title | Sername | Name | Position on Board | Start of Appointment | End of appointment |
|---|---|---|---|---|---|
| Dr | Demajo | Pascal | Chairperson | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Ms | Apap Bologna | Greta | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Mr | Zammit Tabona | Kenneth | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Mr | Said | Joseph | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Mr | Micallef | Stephanie | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Dr | Marmara | Vince | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| M | Galea | Clifford | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Mr | Bajada | Clint | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Mr | Galea | Owen | Member | 17/06/2022 | 16/06/2025 |
| Ms | Simpson | M'Grace | Secretary | 17/06/2022 | 16/06/2025 |

Il-membri li jservu fuq dan il-Bord huma appuntati fuq kompetenzi personali u esperjenza akkumulata.

Seduta 136
20/06/2023

**QRATI MALTIN – KAŻIJIET PENDENTI**

**9991. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' każijiet pendenti quddiem il-Qrati Maltin bħalissa? Jista' jgħid kemm kien hemm każijiet li nqatgħu matul is-sena 2022 u kemm daħlu każijiet ġodda quddiem il-Qrati Maltin matul l-istess perjodu?

09/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 136
20/06/2023

**SKEMA 9 – GĦAŻLA TA' BENEFIĊĊJU**

**10010. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk tfal taħt l-Iskema 9 humiex intitolati għal ħaġa waħda biss minn dawn li ġejjin:
i. kolazzjon;
ii. stationery; jew
iii. uniformi?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li l-kollazzjon mhuwiex parti mill-Iskema 9, dan jiġi offrut permezz tal-breakfastclub lil dawk it-tfal kollha li jaslu l-iskola kmieni u jirregistraw ghal dan is-servizz.

It-tfal kollha eliġibbli minn Skema 9 huma ntitolati għal stationery u għall uniformi. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li studenti eliġibbli għal Skema 9 jistgħu jgħażlu wkoll attivitajiet extra kurrikulari bejn FES Skolasajf, FES Klabb 3-16, SportMalta Summer jew Winter Programme.

Seduta 136
20/06/2023

**PERSUNI LI JIBBENEFIKAW MINN UNIFORMI**

**10011. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk student li bbenefika minn uniformi, iridx jistenna sentejn oħra biex jerġa' jibbenefika?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk l-istudenti kollha li huma eliġibbli għal Skema 9 huma ntitolati għall-vawċer tal-uniformi kull sena.

Seduta 136
20/06/2023

**KULLEĠĠI TA' SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**10012. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn educational psychologists disponibbli f'kull Kulleġġ ta' Skejjel?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**KULLEĠĠI TA' SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS PER CAPITA**

**10013. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-rata *per capita* ta' educational psychologist f'kull Kulleġġ ta' Skejjel?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**KULLEĠĠI TA' SKEJJEL - EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**10014. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm suppost hemm educational psychologists f'kull Kulleġġ ta' Skejjel?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**KULLEĠĠI TA' SKEJJEL – LISTA TA' STENNIJA GĦAL EDUCATIONAL PSYCHOLOGISTS**

**10015. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija twila l-lista ta' stennija għal educational psychologist f'kull Kulleġġ ta' Skejjel?

12/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – FTUĦ TA' UFFIĊĊJU F'SAN PAWL IL-BAĦAR**

**10043. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu jew xi entità li taqa' taħtu hux se tkun qed tiftaħ xi uffiċċju ġdid fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? Jekk iva, fejn se jkun qed jinfetaħ tali uffiċċju? X'servizzi se jkunu qed jingħataw minn dan l-uffiċċju? Meta se jinfetaħ? Jista' jgħid jekk il post fejn se jinfetaħ huwiex tal-privat jew tal-Gvern?

12/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol jew xi entita li taqa' taħtu, mhux ser ikunu qed jiftħu ebda uffiċċju ġdid fil-lokalita ta' San Pawl il-Baħar.

Seduta 136
20/06/2023

**ĦAL GĦARGĦUR – RAPPORTI DWAR KAŻI TA' SERQ**

**10049. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' serq irrapportati ġewwa Ħal Għargħur mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm erba' (4) każijiet ta' serq irrapportati lill-Pulizija mill-1 ta' Jannar 2023 sal 31 ta' Mejju 2023 fil- lokalita' ta' Ħal Għargħur.

Seduta 136
20/06/2023

**IS-SWIEQI - RAPPORTI DWAR KAŻI TA' SERQ**

**10050. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' serq irrapportati ġewwa s-Swieqi mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm għoxrin (20) każijiet ta' serq irrapportati lill-Pulizija mill-1 ta' Jannar 2023 sal 31 ta' Mejju 2023 fil- lokalita' tas Swieqi.

Seduta 136
20/06/2023

**SAN ĠWANN - RAPPORTI DWAR KAŻI TA' SERQ**

**10051. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' serq irrapportati ġewwa San Ġwann mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kien hemm sebgħa u għoxrin (27) każijiet ta' serq irrapportati lill-Pulizija mill-1 ta' Jannar 2023 sal 31 ta' Mejju 2023 fil- lokalita' ta' San Gwann.

Seduta 136
20/06/2023

**PERSUNI LI NGĦATAW IĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA**

**10052. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm persuni li ngħataw iċ-ċittadinanza Maltija mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023
**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kien hemm bosta persuni li akkwistaw iċ- Ċittadinanza Maltija permezz ta' reġistrazzjoni jew naturalizazzjoni.

Seduta 136
20/06/2023

**PERSUNI LI ĠEW AKKUŻATI B'REAT TA' ĦASIL TA' FLUS**

**10053. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li ġew akkużati mill-pulizija bir-reat ta' ħasil ta' flus mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi peress illi il-prosekuzzjoni ta' persuni li jiġu akkużati bir-reat ta' ħasil ta' flus huwa l-mandat tal-Avukat Ġenerali, nitlob lill-Onorevoli Interpellant iressaq din il-mistoqsija lill-Ministru konċernat.

Seduta 136
20/06/2023

**IMMIGRANTI IRREGOLARI LI WASLU MALTA**

**10054. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm immigranti irregolari li waslu Malta mill-1 ta' Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi bejn l-ewwel ta' Jannar u d-dsatax ta' Ġunju ta' din is-sena kien hemm 112 immigranti rregolari li waslu f'Malta. Minkejja ż-żmien qasir, l-awtoritajiet Maltin diġà rnexxielom jibgħatu lura lejn pajjiżhom 26 persuna minn dawn il-persuni wara li jew ma kwalifikawx għall-ażil jew għażlu r-ritorn volontarju, filwaqt li 35 persuna oħra huma fil-proċess li jkunu ritornati lejn il-pajjiż tal-oriġinu taghhom. Infurmat ukoll li hemm numru ta' persuni li għadhom fil-proċess tal-ażil, filwaqt li oħrajn huma pendenti l-clearence mill-public health.

Seduta 136
20/06/2023

**MELLIEĦA U SAN PAWL IL-BAĦAR – SWIMMING ZONES**

**10059. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema se jkunu s-swimming zones fl-inħawi tal-Mellieħa u San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid jekk kienx hemm tibdil fis-swimming zones ta' dawn iż-żewġ lokalitajiet mis-sena l-oħra għal din is-sena? Jekk kien hemm xi tibdil, jista' jgħid x'inhi r-raġuni għal dan it-tibdil f'kull każ?

12/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra l-lista ta' bajjiet li se jkunu s-swimming zones fl-inħawi tal-Mellieħa u San Pawl.

It-tidil sar bil-bajja tal-Mellieha bħala għajnuna għall-anzjani.

Mellieħa

- Cirkewwa
- Marfa (Ramla tal-Bir)
- Ramlet il-Qortin
- Ramla tat-Torri
- Il- Bajja tal- Armier
- Il-Bajja tal-Mellieha (a Launching Lane serving elderly users of Kayaks was introduced this year)
- It-Tunnara
- Il-Bajja ta' l-Imgiebah

San Pawl il-Bahar

- Selmun
- Tal-Fekruna
- Tal-Fekruna (Outer)
- Xemxija
- Ghajn Razul – Veccja Breakwater (Ghar tal-Veccja, Ghar Ghasfur)
- Ghazzelin
- Bugibba Square
- Bugibba (opposite Dolmen Hotel)
- Qawra
- Il-Bajja tas-Salina (opposite ex-Coastline Hotel)
- Il-Bajja tas-Salina (opposite Suncrest Hotel)

Seduta 136
20/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – SWIMMING ZONE FL-INĦAWI TAL-FEKRUNA**

**10060. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li s-swimming zone fl-inħawi Tal-Fekruna, San Pawl il-Baħar, qiegħda mmarkata kif suppost hekk kif ġie rrapportat li din ġiet imċaqalqa?

12/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sfortunatament l-iswimmers zone in kwistjoni ma' ġietx installata kif suppost hekk kif maħruġ fin-Notice to Mariners ippublikata mill-Awtorita'.

L-istess Awtorita' qiegħda tikkordina mal-Kuntrattur biex din tiġi aġġustata u mwaħħla skond in-Notice to Mariners

Seduta 136
20/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TRUNĊIERA – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING**

**10111. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9462 jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-applikazzjoni għal zebra crossing fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Baħar, li saret referenza għaliha f'din l-istess tweġiba?

14/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li qed inpoġġu fuq il-mejda tal-kamra l-applikazzjoni mitluba.

Seduta 136
20/06/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ IT-TRUNĊIERA – TALBA GĦAL ZEBRA CROSSING**

**10112. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9395 jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni miġbura mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fir-rigward tat-talba għal żewġ zebra crossings ġodda fi Triq it-Trunċiera, San Pawl il-Bahar?

14/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-Informazzjoni mitluba.

Seduta 136
20/06/2023

**MALTA FILM COMMISSION – FILMS U REKLAMI**

**10126. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar films, reklami, eċċ. li saru matul l-aħħar sena taħt il-kappa tal-Malta Film Commission (MFC)?

14/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**DEVELOPMENT PLANNING FUND – FONDI RIŻERVATI GĦALL-KUNSILLI LOKALI**

**10127. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi riżervati għal kull kunsill lokali taħt id-Development Planning Fund?

14/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, il-fondi disponibbli bbażati fuq introjtu kkalkulat sal-bidu ta' April ta' din is-sena u li jieħdu wkoll kont ta' proġetti diġa kuntrattati biex jibbenefikaw minn fondi tal-Awtorità ta' l-Ippjanar u/jew proġetti diġa sottomessi biex similarment jikkwalifikaw imma fejn għadu ma sarx kuntratt, huma indikati fit-Tabella A li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 136
20/06/2023

**BORMLA – RESTAWR FUQ IMTIEĦEN TA' ŻMIEN IL-KAVALLIERI**

**10128. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jsir restawr fuq iż-żewġ imtieħen ta' żmien il-Kavallieri li hemm ġewwa Bormla u jinsabu fi stat ħażin ħafna b'periklu li dan il-wirt storiku jintilef darba għal dejjem?

14/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li saret talba għall-allokazzjoni ta' finanzi meħtieġa biex ikun jista' jsir ir-restawr tal-imsemmija imtieħen f'Bormla.
Infurmat ukoll li nbeda x-xogħol ta' tħejjija tas-sejħiet għall-offerti u dan sabiex jekk jiġu allokati il-flus fil-Baġit li jmiss, ix-xogħol ikun jista' jinbeda fis-sena 2024.

Seduta 136
20/06/2023

**BORMLA – ĠNIEN KOTTONER**

**10129. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta hemm il-ħsieb li jibda x-xogħol fuq Ġnien Kottoner ġewwa Bormla?

14/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** B'żieda mat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 8846, ninsab infurmata li fi Ġnien Kottoner, f'Bormla, bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' riġenerazzjoni inkluż qtugħ ta' ħaxix, żbir u tindif neċessarju. Barra minn hekk, għaddej il-proċess biex tkun finalizzata u tinħareġ is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet li hemm ippjanati biex dan il-ġnien isir aktar sigur. Huwa mmirat li dan ix-xogħol jinbeda fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

Seduta 136
20/06/2023

**PERSUNI LI JKABBRU Ż-ŻEBBUĠ**

**10139. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni reġistrati biex ikabbru ż-żebbuġ f'Malta u f'Għawdex? Jista' jgħid kemm inġabar żebbuġ għall-għasir fis-snin 2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid ukoll kemm kien il-volum ta' żejt taż-żebbuġa li ġie maħdum fis-snin 2020, 2021 u 2022?

15/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**FTEHIM BEJN IL-MINISTERU U/JEW ID-DIPARTIMENT TAL-AGRIKOLTURA U L-ISTITUT TA' CIHEAM**

**10140. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jikkonferma l-eżistenza ta' ftehim bejn il-Ministeru u/jew id-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Istitut ta' CIHEAM ta' Bari? Jekk fl-affermattiv, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim imsemmi? Jista' jgħid jekk dan l-Istitut hux qed jipprovdi xi għajnuna teknika, kemm tiswa din l-għajnuna u f'liema setturi qed tingħata?

15/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni qed tingabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**PARTIAL KNEE REPLACEMENT – LISTA TA' STENNIJA**

**10155. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika magħrufa bħala 'partial knee replacement'?

15/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika *partial knee replacement* ta' żmien aktar minn dak stipulat fil-*Patient Charter* hija ta' 80 persuna

Seduta 136
20/06/2023

**TOTAL KNEE REPLACEMENT – LISTA TA' STENNIJA**

**10156. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika magħrufa bħala 'total knee replacement'?

15/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika *total knee replacement* ta żmien aktar minn dak stipulat fil-*Patient Charter* hija ta' 896 persuna

Seduta 136
20/06/2023

**HIP REPLACEMENT – LISTA TA' STENNIJA**

**10157. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika magħrufa bħala 'hip replacement'?

15/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi l-lista ta' stennija għall-proċedura ortopedika *hip replacement* ta' żmien aktar minn dak stipulat fil-*Patient Charter* hija ta' 151 persuna.

Seduta 136
20/06/2023

**IMTARFA – ĊENTRU TERAPEWTIKU**

**10158. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi informazzjoni ġdida rigward l-pjanijiet tal-Gvern fuq il-propost ċentru terapewtiku għall-minuri bi problemi ta' mġiba fl-Imtarfa?

15/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, f'dan li stadju ma' hemmx informazzjoni ġdida rigward l-pjanijiet tal-Gvern x'tiġi miżjuda.

Seduta 136
20/06/2023

**IX-XEMXIJA – ŻONA TAL-EKS MISTRA VILLAGE – TWAQQIGĦ U TQATTIGĦ TA' TRINEK**

**10166. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jispjega għaliex iż-żona tal-Eks Mistra Village x-Xemxija fejn għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet, kienet eskluża mil-lokalitajiet turistiċi? Għalfejn din l-area Triq Raddett ir-Roti ma wasslitx sa tarf bħal kull triq oħra fil-lista, fejn mhux permess li jsir twaqqigħ u qtugħ ta' trinek wara l-15 ta' Ġunju?

15/06/2023
**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**IX-XEMXIJA – ŻONA TAL-EX MISTRA VILLAGE – TWAQQIGĦ U TQATTIGĦ TA' TRINEK**

**10167. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jispjega għaliex iż-żona tal-Eks Mistra Village x-Xemxija fejn għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet kienet eskluża mil-lokalitajiet turistiċi? Għalfejn din l-area Triq Raddett ir-Roti ma wasslitx sa tarf bħal kull triq oħra fil-lista, fejn mhux permess li jsir twaqqigħ u qtugħ ta' trinek wara l-15 ta' Ġunju?

15/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**IX-XEMXIJA – ŻONA TAL-EKS MISTRA VILLAGE - XOGĦLIJIET**

**10168. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Minsitru jispjega għaliex iż-żona tal-Eks Mistra Village fix-Xemxija għadha għaddejja minn xogħlijiet ta' żvilupp anke wara li trid tiġi riveduta mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (EPRT)? Jista' jispjega x'inhi l-proċedura ta' każijiet bħal dawn u jekk hux se jinbidlu l-policies jew isiru policies ġodda fejn permessi li huma taħt appell iridu jwaqqfu x-xogħlijiet?

15/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10169. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-

kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha kif mitlub, tinqabeż l-*advisory cost limit.*

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10170. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 10169.

Seduta 136
20/06/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10171. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023 sal-lum?

15/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi ghat-twegiba li nghatat ghall-mistoqsija parlamentari bin-numru 10169.

Seduta 136
20/06/2023

**GĦAR LAPSI – PAVIMENTAR**

**10235. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti istruzzjoni lil Infrastructure Malta biex tneħħi t-tarmak li tpoġġa fin-niżla ta' Għar Lapsi u minflok tagħmel pavimentar addattat għall-ambjent bħalma wieħed jistenna?

16/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant sabiex jiireferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministeru konċernat

Seduta 136
20/06/2023

**BED CAPACITY TAL-LUKANDI F'MALTA**

**10236. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jindika jekk jaqbilx mal-pożizzjoni tal-Ministru għall-Finanzi illi l-bed capacity preżenti tal-lukandi hawn Malta huwa biżżejjed sabiex jakkomoda kull żieda prevista ta' turisti f'Malta u li Malta għalhekk m'għandhiex bżonn tibni aktar lukandi?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-mistoqsija li għamel ma taqax fil-parametri tal-Artiklu 27(3) tal-Istanding Orders.

Seduta 136
20/06/2023

**MTA – APPLIKAZZJONIJIET GĦAL-LUKANDI ĠODDA**

**10237. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-policy tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) għal dak illi jirrigwarda applikazzjonijiet għal lukandi ġodda ġewwa pajjiżna?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA**

**10238. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu applikazzjonijiet għal lukandi ġodda fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA APPROVATI**

**10239. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati applikazzjonijiet għal lukandi ġodda fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid kemm hu t-total tal-bed capacity approvat fis-snin rispettivi?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAL LUKANDI ĠODDA RIFJUTATI**

**10240. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew rifjutati applikazzjonijiet għal lukandi ġodda fis-sena 2022 u fis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**TURISTI LI JŻURU PAJJIŻNA**

**10241. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk in-numru ta' turisti li se jkunu żaru pajjiżna fis-sena 2023 huwiex se jkun ogħla mis-sena 2019?

16/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 136
20/06/2023

**L-IMDINA – TRIQ L-INFETTI**

**10246. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm biex Triq l-Infetti, l-Imdina, tkun aktar sigura wara d-diversi inċidenti u mwiet f'din it-triq f'dawn l-aħħar xhur?

16/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li Infrastructure Malta qiegħda taħdem mal-Kunsilli Lokali, fosthom dak ta' l-Imdina, u x-xogħol tat-toroq qed jiġi allokat skond l-esiġenzi u l-prijoritajiet tal-lokalita rispettiva tagħhom. Nikkonferma li din it-triq tinsab fil-lista ta' xogħolijiet u ser issir fi żmien li ġej.

Seduta 136
20/06/2023

**RABAT - TRIQ IT-TIĠRIJA - XOGĦLIJIET**

**10247. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min inżamm responsabbli u ħallas tax-xogħlijiet li saru/qegħdin isiru fi Triq it-Tiġrija, Rabat Malta, wara li l-wiċċ tagħha tkisser fi ftit żmien minn meta saret?

16/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor Interpellant li x-xogħolijiet ma kienux inkluzi fid-disinn originali, u allura qegħdin isiru u jitħallsu minn Infrastructure Malta.

Seduta 136
20/06/2023